# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.14

**Kap 2: Il-ħbieb iħobbuna.**

**Lezzjoni 2.14: Meta ma nħobbx irrid nitlob maħfra**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu xi tfisser tħobb.
2. Jiċċelebraw fil-ferħ ir-rebħa tagħhom meta jaħfru.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- tazza
- 3 muniti tal-1c
- tissue 2 ply
- rubberband
- ilma
- Nagħmlu festa

  http://www.youtube.com/watch?v=FEbON69aVdM

- Karta ta' taħriġ 2.8: *Meta ma nħobbx irrid nitlob maħfra*

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Staqsi lit-tfal jekk huma jkunux dejjem ħbieb.
- Staqsi: Meta ma tkunux ħbieb?
- Fiehem x'jiġri meta ma nkunux ħbieb.
- Fakkar li Alla jixtieq li jkunu dejjem ħbieb għax meta nitbiegħdu minn ħbiebna nkunu qed nitbiegħdu minnu wkoll.
- Staqsi: Aħna kif nitbiegħdu minnu? Permezz tad-dnub.
- Staqsi: Kif nistgħu nerġgħu nersqu lejh? Billi nitolbu maħfra. Immorru nqerru.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



- Oħroġ tazza u għid lit-tfal li din tirrappreżenta lil Alla u lilna.
- Uri ftit munita ta' 1c u spjega li aħna għandna nkunu dejjem qrib t'Alla u poġġi l-muniti ġot-tazza. Iżda xi kultant nagħmlu dnub - oħroġ il-minuti mit-tazza u poġġi tissue rqiqa fuq it-tazza u orbotha b'rubberband (tkun qisek iffurmajt tanbur).
- Poggi l-muniti fuq it-tissue u spjega li t-tissue qed tirrappreżenta d-dnubiet tagħna li qed iżommuna 'l boghod minn Alla.
- Uri l-ilma u spjega li dan jirrapprezenta l-qrar li permezz tiegħu nerġgħu nersqu qrib t'Alla.

- Ferra' l-ilma bil-mod sakemm il-munuta taqa' fit-tazza. Mela, permezz tal-qrar erġajna ersaqna qrib t'Alla.
- Staqsi: Għalfejn immorru nqerru? Biex nerġgħu nsiru ħbieb t'Alla.
- Staqsi: Alla jiddejjaq jistenniena biex nerġgħu nkunu ħbieb tiegħu jew jibqa' jistenniena? Għalfejn?
- Staqsi: Jekk aħna rridu nkunu dejjem ħbieb t'Alla, is-Sagrament tal-Qrar huwa importanti ghalina?
- Spjega: Meta nqerru Alla tant ikun ferħan għax ikun qed jerġa' jgħannaqna miegħu. Ejjew ngħannqu waħda kbira lil xulxin biex nuru l-ferħ li aħna nħossu li erġajna sirna ħbieb t'Alla.
- It-tfal iqumu u jagħtu tgħanniqa lil kulħadd.
- Staqsi: U meta nkunu lkoll ferħana fuq xi ħaġa sabiħa aħna x'nagħmlu? Nagħmlu festa.
- Semma u lkoll kantaw: http://www.youtube.com/watch?v=FEbON69aVdM
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.8 u ħalli t-tfal jiggustaw l-istampa li għandhom.
- Spjega Attività 1 billi tgħinhom jimlew is-sentenzi bil-kelma t-tajba.
- Għal Attività 2 , għinhom jibdlu in-numri fi kliem.
- Iddiskuti l-Attivita Sam u Tara u fisser li biex nuru li nħobbu rrid jiddispjaċina tassew.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Alla jixtieqna dejjem qrib tiegħu.

2. Is-Sagrament tal-Qrar jew tar-Rikonċiljazzjoni jerġa' jagħmlina ħbieb m'Alla.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

It-tfal jitolbu maħfra lil Alla biex nerġgħu jsiru ħbieb tiegħu.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Nagħmlu festa [http://www.youtube.com/watch?v=FEbON69aVdM](http://www.youtube.com/watch?v=FEbON69aVdM)



**Nitolbu**



O Alla għinna nagħrfu dejjem iktar kemm

Inti tixtieqna dejjem qrib tiegħek.

1.